## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1216/2023 AD**

## RAYMOND GRIMA (K.I. 450658M)
## U MARTU
## RITA GRIMA (K.I. 466159M)

**VS**

## EMANUEL DEGUARA (K.I. 496775M)

**Seduta ta' nhar It-Tnejn, tmintax (18) ta' Diċembru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-ħlas tas-somma dovuta mill-intimat lill-atturi Raymond Grima u martu Rita Grima fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija u erbgħa u tletin Euro (€23,534), imressqa permezz ta' rikors ta' Raymond Grima u martu Rita Grima preżentat fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru, 2023 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru 2023, Raymond Grima kkonferma bil-ġurament tiegħu u talab kif isegwi:

    1. ILLI l-esponenti ordnaw mingħand il-konvenut lift tad-ditta VIMEC; in konnessjoni ma' tali ordni ġie iffirmat kuntratt datat l-1 ta' Novembru 2022 (**Dok.A**), u tħallsu żewġ depożiti akkont, wieħed ta' ħamest elef euro (€5,000) fit-2 ta' Novembru 2022 u ieħor ta' tmintax-il elf, ħames mija u erbagħa u tletin euro (€18,534) nhar it-3 ta' Novembru 2022 (**Dok.B** u **Dok.C** rispettivament), għal total komplessiv ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija u erbgħa u tletin euro (€23,534);

    2. ILLI minn verifiki sussegwenti rriżulta li minħabba limitazzjonijiet strutturali relatata mal-qisien approvati fil-permessi tax-*shaft* fejn kellha ssir l-installazzjoni, tali lift ma setax isir; f'dan l-istadju, nhar is-17 ta' Frar 2023 (ara **Dok.D**), il-partijiet ikkanċellaw bonarjament l-ordni, u l-partijiet qagħdu fuq kwantu kien ipprovdut fil-kuntratt Dok.A fis-sens illi jekk il-bini ma jkunx lest sa żmien sena (f'dan il-każ il-bini ma kienx addattat), il-konvenut ikollu żmien xahar sabiex jirrifondi d-depożitu; nhar is-17 ta' Frar 2023 il-konvenut talab ħames (5) ġimgħat żmien u l-esponenti aċċettaw u ħallew il-*banking details* tagħhom mal-konvenut sabiex isir il-ħlas;

    3. ILLI tali ħames ġimgħat għalqu nhar l-24 ta' Marzu 2023, u l-konvenut ilu minn dakinhar iwiegħed li jħallas u jivvinta skuża wara l-oħra biex jitlob iktar żmien (per eżempju li l-flus qegħdin għand is-*supplier* u jridu jiġu minn barra), u jwiegħed saħansitra li jħallas l-imgħax, u dan kif jirriżulta mill-iskritturi u skambju ta' *emails* annessi bħala **Dok.E *et seq***;

    4. ILLI fil-fatt, il-konvenut għamel pagament wieħed ta' erba' mija u sebgħin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€470.68), nhar is-6 ta' Settembru 2023 (**Dok.F**), liema pagament kellu jinqata' mill-imgħaxijiet, kif spjegat mill-konvenut stess fl-*email* tiegħu tal-5 ta' Settembru 2023 (ara Dok.H2);

    5. ILLI l-pagamenti sussegwenti mwiegħda baqgħu ma mmaterjalizzawx, l-esponenti ma jistgħux jissapportu iżjed u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

6. ILLI sa fejn jafu l-esponenti, il-konvenut mgħandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti;

**Jgħid għaldaqstant il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:**

i. Tisma' u tiddeċiedi din il-kawża skond is-segwenti talbiet bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara lill-konvenut debitur ta' l-atturi fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija u erbgħa u tletin euro (€23,534) rappreżentanti rifużjoni ta' depożiti mħallsin akkont ta' kuntratt konkluż u kkanċellat bonarjament bejn il-partijiet, liema debitu ġie diversi drabi rikonoxxut mill-konvenut; u

iii. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija u erbgħa u tletin euro (€23,534), bl-imgħaxijiet legali kkalkulati sa minn nhar l-24 ta' Marzu 2023, bit-tnaqqis tal-pagament ta' erba' mija u sebgħin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€470.68), li sar nhar is-6 ta' Settembru 2023 akkont ta' tali imgħaxijiet;

Bl-imgħaxijiet ulterjuri minn dakinhar tas-sentenza, bl-ispejjeż legali, bil-konvenut inġunt minn issa in subizzjoni u bir-riżerva ta' kull azzjoni legali ulterjuri neċessarja u opportuna.

3. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tletin (30) ta' Ottubru 2023, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2023, b'ordni lill-konvenut sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tal-atturi, u, fin-nuqqas, tgħaddi u tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-atturi;

5. Rat illi l-konvenut gie notifikat bir-rikors ġuramentat, bid-digriet tal-appuntament tal-kawza u bl-avviż tas-smigħ tal-kawza fil-ħmistax (15) ta' Novembru, 2023

6. Rat il-verbal tas-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru, 2023 fejn l-kawża tħalliet għat-tmintax (18) ta' Diċembru, 2023.

7. Il-konvenut debitament notifikat ammetta t-talbiet pemezz ta' nota li ġiet preżentata mill-avukat difensur tiegħu fis-seduta tat-18 ta' Diċembru, 2023.

**Il-Qorti**

8. Wara illi rat l-atti u l-Art 170/(1) tal-Kap 12

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

10. Fl-ewwel lok, inkonsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrenti għandha tintlaqa';

11. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi l-konvenut kien obbliga ruħu, permezz ta' ftehim bonarju datat 17 ta' Frar, 2023 u permezz ta' nota ta' ammissjoni li għandu jirrifondi lill-atturi s-somma ta' **tlieta u għoxrin elf, ħames mija u erbgħa u tletin Euro (€23,534).**

**Decide**

12. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tiddikjara</u>** illi l-ewwel talba ġiet sorvolata, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

(ii) **<u>Tilqa</u>’** t-tieni talba attriċi in kwantu tikkundanna lill- konvenut jħallas lill-atturi s-somma dovuta ta’ **tlieta u għoxrin elf, ħames mija u erbgħa u tletin Euro (€23,534)** liema somma tirrappreżenta rifużjoni ta’ depożitu skont ftehim bonajru bejn il-partijiet,

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tar-rikors ġuramentat sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**